**A.L. 3 ta' l-1992**

## ATT DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (KAP. 292)

### Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1992 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1991 dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Lotterija l-Kbira), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 96 ta' l-1991.

Jemenda l-Iskema li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok il-paragrafu 'A' ta' l-Iskema ta' premjijiet li tinsab fir-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"A. LOTTERIJA L-KBIRA

| | |
|---|---|
| L-EWWEL PREMJU: | Lm75,000 għandhom jiġu allokati għal kull wieħed miż-żewġ (2) biljetti li jistgħu jirbħu li jkollhom il-ħames (5) figuri kollha jikkorrispondu ma', u fl-istess ordni ta', il-ħames (5) figuri li jagħmlu n-numru rebbieħ. |
| IT-TIENI PREMJU: | Lm2,000 għandhom jiġu allokati għal kull wieħed mit-tmintax-il (18) biljett li jistgħu jirbħu li jkollhom it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames figuri jikkorrispondu ma', u fl-istess ordni ta', it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames figuri tan-numru rebbieħ. |
| IT-TIELET PREMJU: | Lm100 għandhom jiġu allokati għal kull wieħed mil-mija u tmenin (180) biljett li jistgħu jirbħu li jkollhom it-tielet, ir-raba' u l-ħames figuri jikkorrispondu ma', u fl-istess ordni ta', it-tielet, ir-raba' u l-ħames figuri tan-numru rebbieħ: |

Iżda jekk iż-żewġ (2) biljetti li jkollhom il-ħames (5) figuri kollha jikkorrispondu ma', u fl-istess ordni ta', il-ħames (5) figuri li jagħmlu n-numru rebbieħ jibqgħu mhux mibjugħa, il-premjijiet l-oħra kollha ta' dak it-tlugħ tal-Lotterija l-Kbira għandhom jittrippla w.".